**20 ta' Marzu, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S., President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Carmelo Spiteri

## Korruzzjoni ta' Minorenni – Reat Kriminali

*Il-kunċett tar-reat kontinwat bħala forma ta' delinkwenza intermedja bejn ir-reat uniku u l-konkors tar-reati kien intiż a benefiċċju ta' min aġixxa b'risoluzzjoni kriminuża waħda.*

*Il-kwistjoni jekk id-diversi azzjonijiet jikkostitwux reat kontinwat hija waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għal min irid jiġġudika l-fatti.*

*Fost l-atti ta' libidini, għall-finijiet tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, hemm kompriż il-konġunġiment karnali.*

*L-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi fost affarijiet oħra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri.*

*Huwa minnu li jistgħu jinqalgħu każijiet fejn is-suġġett passiv tar-reat, minħabba ħajja dedikata għall-laxxivja u għall-pjaċiri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li diffiċilment wieħed jista' jimmaġina kif jista' jiġi ulterjorment korrott; iżda hu ċert ukoll li esperjenza sesswali preċedenti mhux neċessarjament teskludi l-possibilità li jkun hemm korruzzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' l-akkuża numru ħdax (11) ta' l-1982 kontra l-istess Carmelo Spiteri issa appellant konsistenti f'żewġ kapi, u ċjoè l-Ewwel Kap. b'akkuża ta' stupru vjolenti fuq minuri minn axxendent u t-Tieni Kap. b'akkuża ta' korruzzjoni ta' minorenni ta' taħt it-tnax-il sena minn axxendent b'dan li fiż-żewġ kapi l-Prosekuzzjoni kienet qed tallega reat kontinwat;

Rat il-verdett tal-ġurati li bih:

a) b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat mhux ħati skond l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża;

b) bi tmien voti kontra wieħed sabu lill-akkużat ħati fir-rigward tat-tieni kap talli b'għemil żieni kkorrompa persuna taħt l-età minn axxendent bid-demm jew mill-missier adottiv jew mit-tutur tal-minuri;

ċ) b'sitt voti kontra tlieta sabu lill-akkużat mhux ħati li b'għemil *żmieni* kkorrommpa persuna *taħt it-tnax-il* sena *minn* axxendent bid-demm jew mill-missier adottiv jew mit-tutur tal-minuri;

Rat ir-risposta tal-ġurati għall-kweżit ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti mil-liema risposta jirriżulta li huma ddikjaraw bi tmien voti voti kontra wieħed u li r-reat sar b'diversi azzjonijiet magħmulin *fi żminijiet* differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti *Kriminali mogħtija* fid-29 ta' Settembru 1988 li biha wara li rat l-att ta' l-akkuża msemmi, il-verdett tal-ġurati ġà indikat u r-risposta tagħhom *imsemmija* għall-kweżit *ta'* l-istess Qorti ddikjarat lill-imsemmi Carmelo Spiteri mhux ħati ta' l-akkuża miġjuba kontrih fl-Ewwel Kap. ta' l-att ta' l-akkuża *iżda ħati talli* b'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età b'dan li d-delitt sar minn axxendent bid-demm u b'dan ukoll illi r-reat sar b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, u wara li ħadet in konsiderazzjoni x-xorta tar-reat, iċ-ċirkostanzi ta' l-akkużat u l-Proklama tal-President tar-Repubblika tad-29 ta' Jannar, 1987 u rat l-artikoli 203(1)(ċ)(2)(3) it-tieni *proviso* (b); 197(5); 18; 31(1)(b)(vii)(viii) tal-Kodiċi Kriminali kkundannat *lill-imsemmi* Carmelo Spiteri għall-piena ta' priġunerija għal tliet snin li minnhom għandu jitnaqqas kwalunkwe perijodu li l-istess Spiteri għamel bħala *arrest preventiv*, kif ukoll, ikkundannatu taħt l-artikolu 197(5) għat-telfa ta' kull jedd, li minħabba l-kwalità ta' axxendet il-liġi tagħtih fuq il-beni *ta'* Maria Carmela *sive* Moira Sciberras neè Spiteri;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Carmelo Spiteri ppreżentat fl-20 ta' Ottubru 1988 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza msemmija tal-Qorti Kriminali minnu apellata u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha rilevanti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin fl-istess kliem tar-rikors ta' l-appell tiegħu:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jħoss li mill-provi prodotti huwa ma kellux jinsab ħati tat-tieni kap ta' l-akkuża. Fil-fatt mill-atti jirriżulta li hemm dubju serju li tali azzjonijiet kif deskritti fil-fatt saru;

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti jissottometti mingħajr preġudizzju għall-ewwel sottomissjoni illi huwa ma setax jinsab ħati li kkorrompa lil Marisa Sciberras u fl-istess ħin jinsab ħati li għamel dan b'diversi azzjonijiet;

Dan qed jiġi sottomess peress illi meta *si tratta* ta' korruzzjoni ta' minuri s-sitwazzjoni legali hija differenti fis-sens li mhux kull azzjoni żienja tikkostitwixxi korruzzjoni imma trid issir il-prova ta' tali effett. Għalhekk, l-esponent umilment jissottometti li ma jistax ikun hemm każ ta' reat kontinwat. L-aggravju li rriżulta mill-verdett tal-ġurati ħoloq impossibilità legali għax ma jistax ikun li bl-istess azzjoni jirriżulta kull darba li jkun hemm korruzzjoni. Għaldaqstant l-esponenti umilment

jissottometti li l-verdett huwa null;

3. Illi fit-tielet lok mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti umilment jissottometti li l-piena inflitta hija iebsa ħafna. L-esponenti umilment jissottometti li meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ allura l-piena kellha tkun ferm inqas;

Kif sottomessi l-aggravji hu ovvju li din il-Qorti l-ewwel ma trid teżamina huwa l-ewwel aggravju għaliex dan jekk aċċettat jiddirimi l-appell kollu ma jkunx hemm bżonn ta' konsiderazzjonijiet ulterjuri;

Ikkunsidrat għalhekk fuq dan l-aggravju;

Illi l-appellant qed jissottometti li hemm dubju serju li l-*azzjonijiet allegati mill-Prosekuzzjoni* fl-att ta' l-akkuża fil-fatt saru. Fit-trattazzjoni tiegħu mbagħad id-difensur ta' l-appellant u ta' bintu Moira l-allegata suġġett passiv tar-reat bl-iskop li juri li ma kinitx tirriżulta xiehda suffiċjenti biex fuqha l-ġurati setgħu raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li waslu għaliha;

Din il-Qorti fliet akkuratament il-provi kollha mressqa f'dan il-każ u b'konvinzjoni morali assoluta waslet għall-konklużjoni *li l-ġurati kellhom provi aktar minn suffiċċjenti biex a bażi* tagħhom setgħu jaslu għall-verdett li effettivament waslu għalih. Il-ġurati kellhom quddiemhom il-verżjojni ta' bint l-appellant kif ukoll dik opposta ta' l-appellant u l-fati u ċ-ċirkostanzi f'dal-każ kienu tali li l-istess ġurati kienu perfettament intitolati affidament u ma jemmnux in-negazzjonijiet li l-appellant għamel fil-pedana tax-xhieda. Fil-fatt din il-Qorti mingħajr titubanzi ssib li dan il-każ ma kienx jippreżenta sitwazzjoni li bejn il-verżjonijiet

rilevanti kien hemm konflitt tali li ma jiġġustifikax li min kellu jiġġudika fuq il-fatti jasal biex jagħżel waħda minnhom. Dana stabbilit, m'huwiex leċitu għal din il-Qorti fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza kopjuża li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ġurati li f'idejhom il-liġi fdat l-apprezzament tal-provi fil-ġuri u li kellhom l-opportunità f'dal-każ jisimgħu jixhdu kemm lill-appellant kif ukoll lil bintu Moira. Ma' dan jiżdied ukoll li fil-fehma tal-Qorti l-mod kif l-appellant xehed bl-iskop li jinnewtralizza dak li kien stqarr fl-*istatement* lill-Pulizija hu insodisfaċenti għall-aħħar u mhux konvinċenti;

B'dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi mill-Ewwel aggravju ta' l-appellant u ser tgħaddi biex tikkonsidra t-Tieni aggravju tiegħu li hu ta' natura strettament legali;

Brevement, jingħad li t-teżi ta' l-appellant hija li l-funzjoni legali tar-reat kontinwat ma setgħetx legalment tikkonfigura fil-każ tiegħu għaliex *una volta* stabbilit li f'ċertu żmien kkorrompa lil bintu ma setax jinstab ħati li għamel dan b'diversi azzjonijiet;

Illi biex tispjega ruħha b'mod ċar fuq il-kwistjoni ssollevata mill-appellant, il-Qorti sejra qabel xejn tislet ċerti prinċipji fundamentali in materja ta' reat kontinwat kif ukoll tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li huma rilevanti għall-każ in diżamina u li fuqhom imbagħad ser tibni l-konklużjoni tagħha;

Jiġi osservat mill-ewwel li kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tas-7 ta' April 1945 *per* Harding J. *in re* Il-Pulizija kontra Jos. Micallef "Il-kunċett tar-reat kontinwat bħala forma ta' delinkwenza intermedja bejn ir-reat uniku u l-konkors tar-reati kien intiż a benefiċċju ta' min aġixxa b'risoluzzjoni kriminuża waħda";

L-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad li hu modellat fuq l-artikolu 79 tal-Kodiċi Taljan ta' l-1989 jippostula diversi azzjonijiet ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiskru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda. F'dan ir-rigward jiġi osservat dak li qal fir-rigward Sir A. Mamo fin-Noti tiegħu bbażati fuq l-insenjamenti ta' ġuristi Taljani u ċjoè illi *"It is only the plurality of actions that can give rise to a continuous offence, and not the plurality of "acts" done in the course of one and the same transaction (in uno stesso contesto di azione), for often, notwithstanding the plurality of material acts done, there is only a single and not continuous offence"*. L-element tad-diskontinwità bejn azzjoni kriminuża u oħra għalhekk huwa ta' importanza assoluta. Infatti kif jargomenta l-Maino "ora, *come benissimo osserva il Carrara la pluralità delle azioni necessaria per dar vita al reato continuato non può altrimenti argomentarsi che dalla* ***discontinwazione.*** *L-unità di luogo e di tempo unifica in un'****azione*** *sola i parecchi atti compiuti del reo: l'intromissione di atti diversi, d'intervalli che rompano quella unità, fa sorgere la pluralità delle azioni e quindi la possibilità d'applicare l'art. 79..." (Commento Vol. I p. 271);*

Kif ġà deċiż minn dawn il-Qrati (ara Vol. XVIII – IV p. 8) il-kwistjoni f'kull każ jekk id-diversi azzjonijiet jikkostitwux reat kontinwat hija waħda ta' fatt u għalhekk rimessa lil min irid jiġġudika l-fatti;

Kwantu għad-delitt tal-korruzzjoni ta' minorenni l-Qrati tagħna qatt ma ddubitaw li l-konġunġiment karnali huwa att ta' libidini għall-fini tal-liġi u dan ovvjament għaliex kif jgħallem il-Manzini "*tra gli atti di libidine deve comprendersi anche la congiunzione carnale, che anzi è il massimo, il più completo e*

*caratteristico atto di libidine";*

L-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali tagħna ġie modellat fuq l-artikolu 335 tal-Kodiċi Taljan imsemmi i.e. ta' l-1889 u dan l-artikolu ġie dejjem ikkunsidrat bħala li jirrikjedi fost affarijiet oħra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Il-Codice Rocco biddel is-sitwazzjoni fl-Italja billi minn *"delitto di danno"* għamel dan id-delitt wieħed *"di pericolo"* kif jispjega l-Manzini meta jgħid *"a differenza del Codice del 1889 non si esige per la consumazione che il colpevole abbia effettivamente cagionato la corruzione del minore;*

Huwa fatt li jistgħu jinqalgħu każijiet fejn l-allegat suġett passiv tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 minħabba ħajja ddedikata għal-laxxivja u għall-pjaċiri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li diffiċilment wieħed jista' jimmaġina kif jista' jiġi ulterjorment korrott, u każijiet bħal dawn ġieli ġew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, iżda hu ċert ukoll li esperjenza sesswali preċedenti mhux neċessarjament teskludi l-possibilità li jkun hemm korruzzjoni għaliex kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *in re* Il-Pulizija *vs* George Portelli (2-2-1975, fejn dik il-Qorti kienet abbraċċjat it-teorija moderata tal-Maino, "mhux qed jingħad li l-persuna ġà parzjalment korrotta ma tistax tiġi korrotta iżjed. *Si tratta* ta' kwistjoni ta' bilanċ";

Dan kollu stabbilit għalhekk qed jiġi affermat li fit-termini tal-liġi kif esposta kienu rimessi għall-ġudizzju tal-ġurati bħala stat ta' fatt:

1) Il-kwistjoni jekk l-ewwel darba li l-akkużat kellu x'jaqsam karnalment ma' bintu kkorrompihiex;

2) Il-kwistjoni jekk din il-korruzzjoni tkomplietx b'atti ta' libidini sussegwenti;

3) Il-kwistjoni ta' l-eżistenza o meno tal-funzjoni legali tar-reat kontinwat;

Hu ovvju li l-ġurati waslu għall-konklużjoni li r-risposta għal kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet kienet fl-affermattiv. La dan hu hekk, u billi m'hemm xejn fil-proċess li jista' jeskludi *tali konklużjoni, mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddisturba* d-diskrezzjoni tagħhom speċjalment il-konklużjoni dwar it-tieni kwistjoni. Dana għaliex jekk il-ġurati legalment setgħu jikkonkludu li l-korruzzjoni ta' bint l-akkużat ma kinitx dovuta għal att ta' darba biss iżda ta' diversi atti oħra li segwew f'okkażjonijiet differenti u li komplew ikkargaw il-grad ta' korruzzjoni tagħha, din il-Qorti m'għandhiex tindaħal f'dik id-diskrezzjoni;

Anke dan l-aggravju ta' l-appell għalhekk, fil-fehma tal-Qorti hu infondat;

Ikkunsidrat dwar l-aggravju rigwardanti l-piena;

Illi għad-delitt kontinwat li tiegħu nstab ħati l-appellant bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali l-piena applikabbli għalih kellha bħala minimu erba' snin u bħala massimu tnax-il sena u dan jekk il-piena tiżdied b'żewġ gradi kif jagħmilha possibbli l-artikolu 18 imsemmi. Bil-proklama tad-29 ta' Jannar, 1987 li l-Ewwel Qorti applikat, diġà l-minimu jinżel għal tliet snin u l-massimu għal disa' snin priġunerija. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti applikat l-artikolu 18 fil-massimu tiegħu iżda mbagħad tat il-minimu tal-piena, jiġifieri tliet snin

priġunerija illi minnhom irid jitnaqqas *ukoll iż-żmien li l-*appellant għamel arrestat in konnessjoni ma' dan ir-reat;

F'dawn iċ-ċirkostanzi hu ovvju li mhux il-każ li din il-Qorti tinżel taħt il-minimu, sempliċement għaliex biex dan ikun possibbli l-liġi tirrikjedi raġunijiet speċjali u straordinarji li f'dal-każ ma jeżistux. Din il-Qorti però sejra tagħmel riserva *si et quatenus* a favur ta' l-appellant fir-rigward tal-*warrnt* ta' l-Aġent President tar-Repubblika tad-29 ta' Mejju 1987 in kwantu dan jista' talvolta jibbenefika minnha l-appellant;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' Carmelo Spiteri billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Tiġbed però l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-*warrant* ta' l-Aġent President tar-Repubblika tad-29 ta' Mejju 1987 in kwantu dawn jista' talvolta jibbenefika minnhom l-appellant.